Nru. 17,814
Prezz 96c
Price 96c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 6 ta' Settembru, 2005
Tuesday, 6th September, 2005

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 928

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 17,811 u 17,813 tat-30 ta' Awissu u t-2 ta' Settembru, 2005, rispettivament.

A.L. Nru. 305 ta' l-2005: Att dwar is-Servizzi Veterinarji (Kap. 437); Regoli ta' l-2005 dwar il-Marda ta' l-Ilsien u d-Dwiefer (Miżuri ta' Kontroll).

A.L. Nru. 306 ta' l-2005: Att dwar il-Kontroll tal-Pestiċidi (Kap. 430); Regolamenti ta' l-2005 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Ogħla Livelli ta' Residwi ta' Pestiċidi fi Prodotti li Joriġinaw minn Pjanti (Emenda Nru. 2).

A.L. Nru. 307 ta' l-2005: *Plant Quarantine Act, 2001 (Act No. XVIII of 2001); Plant Quarantine (Amendment) (No. 3) Regulations, 2005.*

A.L. Nru. 308 ta' l-2005: *Plant Quarantine Act, 2001 (Act No. XVIII of 2001); Plant Quarantine (Amendment) (No. 4) Regulations, 2005.*

A.L. Nru. 309 ta' l-2005: Att dwar is-Servizzi Veterinarji (Kap. 437); Regoli ta' l-2005 dwar l-Analiżi ta' Livelli Kimiċi fil-Kontroll ta' l-Għalf.

A.L. Nru. 310 ta' l-2005: Att dwar is-Servizzi Veterinarji (Kap. 437); Regoli ta' l-2005 fuq Prekawzjonijiet dwar Deni tal-Majjali Klassiku.

A.L. Nru. 311 ta' l-2005: Att dwar is-Servizzi Veterinarji (Kap. 437); Regoli ta' l-2005 dwar l-Identifikazzjoni u r-Reġistrazzjoni ta' Annimali Bovini u t-Tikkettjar taċ-Ċanga.

GOVERNMENT NOTICES

No. 928

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 17,811 and 17,813 of the 30th August and 2nd September, 2005, respectively.

L.N. No. 305 of 2005: Veterinary Services Act (Cap. 437); Foot-and-Mouth Disease (Control Measures) Rules, 2005.

L.N. No. 306 of 2005: Pesticides Control Act, 2001 (Cap. 430); Maximum Residue Levels of Pesticides in Produce of Plant Origin (Amendment) (No. 2) Regulations, 2005.

L.N. No. 307 of 2005: Plant Quarantine Act, 2001 (Act No. XVIII of 2001); Plant Quarantine (Amendment) (No. 3) Regulations, 2005.

L.N. No. 308 of 2005: Plant Quarantine Act, 2001 (Act No. XVIII of 2001); Plant Quarantine (Amendment) (No. 4) Regulations, 2005.

L.N. No. 309 of 2005: Veterinary Services Act (Cap. 437); Analysis of Chemical Levels in the Control of Feedingstuffs Rules, 2005.

L.N. No. 310 of 2005: Veterinary Services Act (Cap. 437); Classical Swine Fever (Precautions) Rules, 2005.

L.N. No. 311 of 2005: Veterinary Services Act (Cap. 437); Bovine Animals (Identification, Registration) and Beef Labelling Rules, 2005.

A.L. Nru. 312 ta' l-2005: Att ta' l-2004 dwar l-Eko-Kontribuzzjoni (Att Nru. XII ta' l-2004); Regolamenti ta' l-2005 li jemendaw l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att dwar l-Eko-Kontribuzzjoni (Emenda Nru. 2).

Is-6 ta' Settembru, 2005

L.N. No. 312 of 2005: Eco-Contribution Act, 2004 (Act No. XII of 2004); Eco-Contribution Act, (Amendment of First Schedule) (No. 2) Regulations, 2005.

6th September, 2005

Nru. 929

IL-PRIM MINISTRU U MINISTRU TAL-FINANZI JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Onor. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., reġa' daħal għal dmirijietu ta' Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi nhar il-Ġimgħa, it-2 ta' Settembru, 2005 u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 906 tas-26 ta' Awissu, 2005 ma baqgħux iseħħu f'dan is-sens.

It-2 ta' Settembru, 2005
(OPM 1/2005)

No. 929

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRIME MINISTER AND MINISTER OF FINANCE

IT is notified for general information that the Hon. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., resumed duties as Prime Minister and Minister of Finance on Friday, 2nd September, 2005 and that the arrangements made by Government Notice No. 906 of the 26th August, 2005, ceased to have effect accordingly.

2nd September, 2005

Nru. 930

ĦATRA TA' AĠENT AVUKAT ĠENERALI

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 91 (1) u bl-artikolu 124 (5) (a) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, approva l-ħatra ta' Dott. Peter Grech, Deputat Avukat Ġenerali, bħala Aġent Avukat Ġenerali mill-24 sal-31 ta' Awissu 2005, iż-żewġ dati inklużi.

Is-6 ta' Settembru, 2005

No. 930

APPOINTMENT OF ACTING ATTORNEY GENERAL

IN exercise of the powers conferred by article 91 (1) and by article 124 (5) (a) of the Constitution of Malta, the President of Malta, acting on the advice of the Prime Minister, has approved the appointment of Dr Peter Grech, Deputy Attorney General, to act as Attorney General from 24th to 31st August 2005, both days inclusive.

6th September, 2005

Nru. 931

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR (AGRIKOLTURA)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent approva l-hatra temporanja li ġejja:–

No. 931

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR (AGRICULTURE)

THE Permanent Secretary in the Ministry for Rural Affairs and the Environment has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POŻIZZJONI *POSITION*	DIVIŻJONI/DIPARTIMENT *DIVISION/DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Dr Marica Gatt	Assistent Direttur *Assistant Director*	Tkabbir ta' Siġar tal-Fott u Xtieli fid-Dipartiment ta' l-Agrikoltura *Fruit Trees and Crop Husbandry in the Agriculture Department*	10 - 17.09.2005

Is-6 ta' Settembru, 2005

6th September, 2005

Nru. 932

ATT TA' L-2001 DWAR IL-ĦARSIEN TA' L-AMBJENT (ATT NRU. XX TA' L-2001)

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-artikoli 9 u 10 ta' l-Att ta' l-2001 dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent, il-Ministru ta' l-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, qiegħed b'dan l-avviż jippubblika dan l-abbozz ta' regolamenti fejn jippermetti lil kull persuna perjodu ta' erba' ġimgħat biex tressaq l-ilmenti tagħha lid-Direttur għall-Ħarsien ta' l-Ambjent ta' l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, fejn tiddikjara kif, fil-fehma tagħha, ir-regolamenti proposti ma jkunux jipproteġu biżżejjed l-ambjent jew kif dawn ikunu restrittivi ż-żejjed bla bżonn jew jikkaġunawlha diffikultà jew telf ekonomiku u titlob għal reviżjoni ta' dak l-abbozz:-

Regolamenti ta' l-2005 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħarsien ta' l-Għasafar u tal-Fenek Selvaġġ.

Is-6 ta' Settembru, 2005

No. 932

ENVIRONMENT PROTECTION ACT, 2001

(ACT NO. XX OF 2001)

BY virtue of the powers conferred by articles 9 and 10 of the Environment Protection Act, 2001, the Minister for Rural Affairs and the Environment, after consultation with the Malta Environment and Planning Authority, is hereby publishing the following draft regulations to allow any person a period of four weeks to make representations to the Director for Environment Protection of the Malta Environment and Planning Authority, stating how, in his opinion, the proposed regulations do not sufficiently respect the environment or how they are too unnecessarily restrictive or cause him hardship or economic loss and asking for a revision of such draft:-

Protection of Birds and Wild Rabbit (Amendment) Regulations, 2005.

6th September, 2005

ATT DWAR IL-ĦARSIEN TA' L-AMBJENT (ATT NRU. XX TA' l-2001)

Regolamenti ta' l-2005 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħarsien ta' l-Għasafar u tal-Fenek Selvaġġ

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 9 u 10 ta' l-Att ta' l-2001 dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent, il-Ministru ta' l-Affarijiet Rurali u l-Ambjent għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

A.L. 146 ta' l-1993.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2005 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħarsien ta' l-Għasafar u tal-Fenek Selvaġġ, u għandhom jinqraw u jiftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1993 dwar il-Ħarsien ta' l-Għasafar u tal-Fenek Selvaġġ, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-ambjent jista' jistabbilixxi.

Iżid ir-regolament 1A gdid mar-regolamenti prinċipali.

2. Minnufih wara r-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali, għandu jidħol dan ir-regolament 1A ġdid li ġej:-

"Skop.

1A. Dawn ir-regolamenti jittrasponu d-Direttiva 79/409/KEE dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi, u skond ma ser jiġi applikat l-Artikolu 9 ta' l-istess Direttiva, li jippermetti lill-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea jidderogaw mill-Artikoli 5, 6, 7 u 8 tad-Direttiva 79/409/KEE.".

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

3. Fit-tifsira "staġun magħluq" fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali -

(a) minflok is-subparagrafu (iii) tal-paragrafu (b) għandu jidħol dan li ġej:-

"(iii) Għasafar ta' l-għana f'kull ġurnata bejn u inklużi l-1 ta' Frar u t-30 ta' Settembru ta' kull sena;"; u

(b) minflok il-paragrafu (ċ) għandu jidħol dan li ġej:-

"(ċ) dwar il-kaċċa ta' l-għasafar minn fuq il-baħar, f'kull żmien bejn u inklużi l-1 ta' Frar u t-30 ta' Settembru ta' kull sena;".

Jemenda r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.

4. Fis-subregolament (1) tar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali, fil-paragrafu (g)(ii)(bb), minflok il-kliem "minn dgħajsa jew xi opra tal-baħar li tkun qed tiġi misjuqa b'veloċità ta' aktar minn 18-il kilometru fis-siegħa" għandhom jidħlu l-kliem "juża dgħajsa jew xi opra tal-baħar li tkun qed tiġi misjuqa b'veloċità ta' aktar minn 18-il kilometru fis-siegħa".

Jemenda Skeda II(b) li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

5. Fi Skeda II(b) li tinsab mar-regolamenti prinċipali, minflok l-intestatura "Għasafar ta' l-għana li t-teħid tagħhom huwa permess mill-1 ta' Ottubru sa l-10 ta' April" għandom jidħlu l-kliem "Għasafar ta' l-għana li t-teħid tagħhom huwa permess mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Jannar".

Jemenda Skeda III li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

6. Fi Skeda III li tinsab mar-regolamenti prinċipali, minflok l-intestatura "Għasafar li jistgħu jiġu kkaċċjati minn fuq il-baħar mill-1 ta' Ottubru sa l-aħħar ġurnata ta' Frar, inklużi ż-żewġ dati" għandhom jidħlu "Għasafar li jistgħu jiġu kkaċċjati minn fuq il-baħar mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Jannar, inklużi ż-żewġ dati".

ENVIRONMENT PROTECTION ACT
(ACT NO. XX OF 2001)

The Protection of Birds and Wild Rabbit (Amendment) Regulations, 2005

BY virtue of the powers conferred by articles 9 and 10 of the Environment Protection Act, 2001, the Minister for Rural Affairs and the Environment has made the following regulations:-

Citation and commencement.

L.N. 146 of 1993.

1. (1) The title of these regulations is the Protection of Birds and Wild Rabbit (Amendment) Regulations, 2005 and shall be read and construed as one with The Protection of Birds and Wild Rabbit Regulations, 1993, hereinafter referred to as "the principal regulations".

(2) These regulations shall come into force on such date as the Minister responsible for the environment may establish.

Adds new regulation 1A to
the principal regulations.

2. Immediately after regulation 1 of the principal regulations, there shall be added the following new regulation 1A:-

"Scope.

1A. These regulations transpose the Directive 79/409/EEC on the Conservation of Wild Birds and shall avail themselves of the application of Article 9 of the same Directive, which permits Member States of the European Union to derogate from Articles 5, 6, 7 and 8 of Directive 79/409/EEC.".

Amends regulation 2 of
the principal regulations.

3. In the definition "closed season" in regulation 2 of the principal regulations -

(a) for the subparagraph (iii) of the paragraph (b) thereof, there shall be substituted the following:-

"(iii) Finches at any day between and including 1st February and 30th September of any year;"; and

(b) for the paragraph (c) thereof there shall be substituted the following:-

"(c) in respect of the hunting of birds at sea, any time between and including the 1st February and the 30th September of any year;".

Amends regulation 9 of the principal regulations.

4. In sub-regulation (1) regulation 9 of the principal regulations, in paragraph (g)(ii)(bb) thereof, for the words "from a boat or sea-craft which is being driven at more than 18 kilometres per hour" there shall be substituted the words "use a boat or any sea-craft with a maximum speed of 18 kilometers an hour".

Amends Schedule II(b) to the principal regulations.

5. In Schedule II (b) to the principal regulations, for the heading "Finches which may be taken from the 1st October to the 10th April" there shall be substituted the words "Finches which may be taken from the 1st October to the 31st January".

Amends Schedule III to the principal regulations.

6. In Schedule III to the principal regulations, for the heading "Birds which may be hunted at sea from the 1st October to the last day of February, both days included," there shall be substituted the words "Birds which may be hunted at sea from the 1st October to the 31st January, both days included".

Nru. 933

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 20 ta' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili nnominat lin-Nutar Dott. Joseph Spiteri, LL.D., bħala Nutar Delegat u Konservatur ta' l-Atti tan-Nutar Dott. John Spiteri, LL.D., b'seħħ mill-11 ta' Awissu 2005 sal-21 ta' Awissu 2005 għal matul l-assenza tiegħu minn dawn il-Gżejjer.

Joseph Borg, B.A.
Għar-Reġistratur
Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili

It-23 ta' Awissu, 2005

No. 933

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Joseph Spiteri, LL.D., to be Notary Delegate and Keeper for Notary Dr John Spiteri, LL.D.,with effect from the 11th August 2005 to the 21st August 2005 during the latter's absence from these Islands.

Joseph Borg, B.A.
F/Registrar
Court of Revision of Notarial Acts

23rd August, 2005

Nru. 934

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 20 ta' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili nnominat lin-Nutar Dott. Cora Vella, LL.D., bħala Nutar Delegat ta' l-Atti tan-Nutar Dott. Paul Callus, LL.D., sakemm dan ikun nieqes minn dawn il-Gżejjer mill-1 ta' Settembru 2005 sa l-4 ta' Settembru 2005.

Carmel Muscat, B.Com (Hons)
Għar-Reġistratur
Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili

It-30 ta' Awissu, 2005

No. 934

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate

IT is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Cora Vella, LL.D., to be Notary Delegate for Notary Dr Paul Callus, LL.D., during the latter's absence from these Islands from the 1st September 2005 till the 4th September 2005.

Carmel Muscat, B.Com (Hons)
F/Registrar
Court of Revision of Notarial Acts

30th August, 2005

Nru. 935

AVVIŻ GĦALL-GĦANIJIET TA' L-ATT TA' L-1996 DWAR GWARDJANI PRIVATI U LOKALI (ATT NRU. XIII TA' L-1996)

IL-KUMMISSARJU tal-Pulizija, skond l-artikoli 7 u 8 ta' l-Att ta' l-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, b'din jgħarraf li rċieva dawn l-applikazzjonijiet kif imsemmija hawn taħt:

No. 935

NOTICE IN TERMS OF THE PRIVATE GUARDS AND LOCAL WARDENS ACT, 1996 (ACT NO. XIII OF 1996)

THE Commissioner of Police, in terms of sections 7 and 8 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, hereby notifies that the following applications as mentioned hereunder have been received:

Applikazzjoni għal-liċenza bħala Gwardjani Lokali
Application for licence of Local Wardens

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta ta' l-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Emerson Farrugia	269084 (M)	Blokk 5, Bieb "B", Flat 8, Misraħ Lewża, San Ġwann

Applikazzjoni għal-liċenza bħala Gwardjani Privati
Application for licence of a Private Guard

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta ta' l-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Daniel Bugeja	56385 (M)	Blokk "B", Perry Court, Flat 8, Triq Birkirkara, San Ġiljan
John Paul Camilleri	124682 (M)	37, Triq San Ġużepp, Żejtun
Carmelo Bugeja	331059 (M)	39, "Massabielle", Triq il-Gallina, Kappara, San Ġwann
Joseph Attard	59263 (M)	Flat 2, Triq George Tayar, Binja Ġublew tal-Fidda, Entratura "B", Taż-Żwejt, San Ġwann
John Sammut	274156 (M)	"Aries", Triq Bernard Blanc, Birkirkara
El Hasuni Abdunasser Omar	84704 (L)	Flat 6, Triq Jeam Houel, Blokk "H", San Ġiljan
Vincent Caruana	331847 (M)	294, Triq iż-Żewġ Mini, Isla
Jesmond Hubbard	104466 (M)	87B, "St. Joseph", Triq Santa Domenika, Żabbar
Malcolm Demanuele	63184 (M)	"Qalb ta' Ġesu", Triq il-Kappillan Mifsud, Santa Venera
Raymond Camilleri	352457 (M)	8, Sqaq Cancella, Birkirkara
Richard Bartolo	343659 (M)	30, "Mon-Reve", Triq il-Kaċċa, Żebbuġ
Christopher Cutajar	535486 (M)	19, "Ronanne", Triq Joseph L. Zerafa, Żurrieq
Andrew Zarb	122283 (M)	10, Il-Foss tas-Sur, Birgu

Kull persuna tista', fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, toġġezzjona bil-miktub lill-Kummissarju dwar il-ħruġ ta' dawn il-liċenzi għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 10 ta' l-Att ta' l-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, li huma:

(a) meta l-applikant jew xi uffiċjali ta' l-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu pprovduti mill-applikant

(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà ta' l-istat, jew ta' xi offiża volontarja fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra proprjetà jew kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor; jew

(ii) tkun iddikjarata falluta jew meta l-qagħda finanzjarjatagħha tkun prekarja jew xort' oħra tagħmel lill-applikant mhux adattat; jew

(iii) tkun tkeċċiet mill-pulizija jew mill-forzi armati jew mis-servizz tal-ħabs minħabba xi reat jew xi nuqqas ieħor fl-imġiba; jew

(iv) tkun uffiċjal pubbliku jew membru tal-Pulizija jew tal-forzi armati jew tas-servizz tal-ħabs; jew

(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(ċ) meta l-applikant ma jkollux il-kwalifiki meħtieġa kif jista' jkun preskritt bl-Att jew taħtu.

Is-6 ta' Settembru, 2005

Any person may, within one month from the publication of this notice, object in writing to the Commissioner about the issue of the above licences on any of the grounds listed in section 10 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, which are:

(a) where the applicant or any officer of the applicant or any person who has an effective control of the services to be provided by the applicant.

(i) has been convicted in Malta or elsewhere of any crime against the safety of the state, or of any crime of voluntary harm or injury to any person or any crime against property or public trust or any other serious crime; or

(ii) has been declared bankrupt or his financial position is precarious or otherwise renders the applicant unsuitable; or

(iii) has been discharged from the police or armed forces or the prison services because of any offence or other misbehaviour; or

(iv) is a public officer or a member of the police or armed forces or the prison services; or

(b) when information is available which is in the public interest; or

(c) where the applicant does not possess the necessary qualifications as may be prescribed by or under the Act.

6th September, 2005

Nru. 936

ATT DWAR IL-LIĊENZI TAL-KUMMERĊ (KAP. 441)

Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002

SKOND id-dispożizzjonijiet tar-regolament 8 tar-Regolamenti ta' l-2002 dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ, id-Diviżjoni għall-Kummerċ (Sezzjoni għal Liċenzar tal-Kummerċ) qiegħda hawnhekk tippubblika avviżi ta' l-applikazzjonijiet li ġejjin:

No. 936

TRADING LICENCES ACT (CAP. 441)

Trading Licences Regulations 2002

IN terms of regulation 8 of the Trading Licences Regulations 2002, the Commerce Division (Trade Licensing Unit) is hereby publishing a notice of the following applications:

Nru. tar-Riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-Applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-Post Kummerċjali *Address of the Commercial Premises*	Attività Kummerċjali *Commercial Activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2005 Pt 312	Ivor Pugliesevich	MCE House Triq l-Industrija Qormi	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	51.8 52.48.13	31.08.05
CD/3209/2005 Pt 314	Alfred Fenech	Sterling Forni 1 Complex, Lower Ground The Valletta Waterfront Floriana	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III – Wholesale and retail trade*	52.48.7 52.48.13	22.08.05
CD/3209/2005 Pt 313	Mario Balzan Demajo	Pedigree Toyshops Vault 19, Pinto Wharf Street Marsa	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III – Wholesale and retail trade*	52.48.9 52.47 52.48.11	22.08.05
CD/3209/2005 Pt 308	Claudio Caruana	CNJ Jet Power 60, Palm Street Paola	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III – Wholesale and retail trade*	50.1	25.08.05

Nru. tar-Riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-Applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-Post Kummerċjali *Address of the Commercial Premises*	Attività Kummerċjali *Commercial Activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2005 Pt 306	Andrè Cassar	Computer Bargains 1, Triq il-Maħżnier Luqa	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III – Wholesale and retail trade*	52.48.1	24.08.05
CD/3209/2005 Pt 310	Eucharist Agius	Domestic Appliances 101, Church Street Xagħra, Gozo	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III – Wholesale and retail trade*	52.44 52.45	29.08.05
CD/3209/2004 Pt 175	Robert Coleiro	Easy Life 2, Dun Vincenz Schembri Street Żurrieq	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.48.8	31.08.05

Kull persuna li għandha interess, tista' tagħmel oġġezzjonijiet jew ilmenti kontra l-għoti ta' liċenza fuq kwistjonijiet ta' kummerċ biss. Kull oġġezzjoni jew ilment għandu jingħata bil-miktub lid-Diviżjoni għal-Kummerċ (Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ), Direttorat għas-Servizzi tal-Kummerċ, Diviżjoni għall-Kummerċ, Lascaris, Valletta, fi żmien għaxart ijiem mid-data li tidher hawn taħt.

Is-6 ta' Settembru, 2005

Any person showing an interest may file an objection or make representations against the grant of this licence only on trade issues. Such objections or representation may be filed in writing at the Commerce Division (Trading Licences Unit), Trade Services Directorate, Commerce Division, Lascaris, Valletta, within ten days from the date shown below.

6th September, 2005

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 51 ta' l-2005

Regatta tat-8 ta' Settembru fil-Port il-Kbir

Ir-Regatta ta' Settembru se ssir fit-8 ta' Settembru, 2005. B'rigward dan l-avveniment ngħarrfu għall-informazzjoni ta' kulħadd illi skond ir-Regolament 6 tar-Regolamenti ta' l-1966 dwar il-Port, u skond l-artikolu 7 ta' l-Att dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta (Kap. 352), id-Direttur Eżekuttiv (Portijiet) jordna li se jitqiegħdu l-ostakli li ġejjin fil-Port il-Kbir.

2. Nhar l-Erbgħa, is-7 ta' Settembru 2005, se jitqiegħdu żewġ *sinkers* ma' *marker buoys* fil-pożizzjonijiet li ġejjin. Dawn jerġgħu jitneħħew nhar il-Ġimgħa, id-9 ta' Settembru 2005.

Latitude (N)	*Longitude (E)*
(i) 35°53'.60	14°30'.92
(ii) 35°53'.46	14°30'.76

3. Nhar il-Ħamis, it-8 ta' Settembru 2005 mill-11.00 a.m., linja ta' planki/*wires* se titqiegħed fil-pożizzjonijiet li ġejjin:–

(a) mill-bagi (i) 'l hinn minn Sant'Anġlu sal-bagi (ii) ħdejn il-Ponta ta' l-Isla quddiem id-daħla ta' *French Creek*.

(b) mill-baga (i) sa ponta fuq ix-xatt taħt is-Sur ta' Lascaris, fil-pożizzjoni:–

Latitude (T)	*Longitude (L)*
35°53'.67	14°30'.825

(ċ) minn *bollard* 4 f'Ras Ħanżir II għall-*bollard* 25 fid-*Deep Water Quay*.

Dawn il-bagi, planki/*wires* jitneħħew wara li tispiċċa r-Regatta għal xi s-7.00 p.m.

4. Id-Direttur Eżekuttiv (Portijiet) jgħarraf lis-Sidien tal-bastimenti u l-inġenji kollha li fit-8 ta' Settembru, bejn it-8.00 a.m. u għas-7.00 p.m., il-bastimenti li jkunu deħlin ma jitħallewx jibqgħu sejrin sa xi rmiġġ fil-Lbiċ ta' linja li tgħaqqad Lascaris ma' l-Arblu tal-Forti Sant'Anġlu. Barra minn dan, inġenji żgħar fil-Marsa ma jitħallewx ikomplu 'l hinn mil-linja tat-tluq li l-pożizzjoni hija indikata f'(ċ) hawn fuq wara t-8.00 a.m. L-ebda bastiment ma jista' jbaħħar fil-Port il-Kbir, ħlief b'permess speċjali mid-Direttur Eżekuttiv (Portijiet).

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 51 of 2005

8th September Regatta in Valletta Grand Harbour

The September Regatta will be held on the 8th September 2005. In connection with this event it is notified for general information that in terms of Regulation 6 of the Ports Regulations, 1966 and in terms of section 7 of the Malta Maritime Authority Act (Cap. 352), the Executive Director (Ports) directs that the following obstruction will be laid in Grand Harbour.

2. On Wednesday, 7th September 2005, 2 sinkers with marker buoys will be laid in the following positions. They will then be removed again on Friday, 9th September 2005.

Latitude (N)	*Longitude (E)*
(i) 35°53'.60	14°30'.92
(ii) 35°53'.46	14°30'.76

3. On Thursday, 8th September 2005 from 11.00 a.m., a line of planks/wires will be laid in the following positions:–

(a) from buoy (i) off St Angelo Point to buoy (ii) near Senglea Point opposite the entrance of French Creek.

(b) from buoy (i) to a point ashore beneath Lascaris Bastion, in position:–

Latitude (N)	*Longitude (E)*
35°53'.67	14°30'.825

(c) from bollard 4 at Ras Ħanżir II to bollard 25 at Deep Water Quay.

The buoys, planks/wires will be removed on the completion of the Regatta at approximately 7.00 p.m.

4. The Executive Director (Ports) informs Masters of all vessels and craft that on the 8th September between 8.00 a.m. and about 7.00 p.m., incoming vessels will not be allowed to proceed to any berth South West of a line joining Lascaris and Fort St. Angelo Flagstaff. Besides, small craft in "The Marsa" will not be allowed to proceed beyond the starting line whose position is indicated in (c) above after 8.00 a.m. No movements of vessels will be allowed inside Grand Harbour, except by special permission from the Executive Director (Ports).

5. Sidien tal-bastimenti u l-inġenji kollha huma avżati li bagi/planki/*wires* imsemmija fil-paragrafi 2 u 3 jistgħu jkunu ta' ostaklu fiżiku u għalhekk għandhom ibaħħru b'attenzjoni. L-istess attenzjoni għandha tingħata waqt xogħol ta' tqegħid u tneħħija qrib dawn il-planki/*wires*.

Chart effettwata BA 177.

Is-6 ta' Settembru, 2005

5. Masters of all vessels and craft are also warned that the buoys/planks/wires mentioned in paragraph 2 and 3 may cause a physical obstruction and consequently are to navigate with caution. Likewise caution is to be exercised when in the vicinity of such planks/wires when these are being laid or removed.

Chart affected BA 177

6th September, 2005

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' *Senior Registrar (Radiology)* fid-Dipartiment tal-*Customer Services* (Sptar Ġenerali ta' Għawdex), Ministeru għal Għawdex

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *Medical Practitioners* bi kwalifiki adatti għall-post ta' *Senior Registrar* (Radjoloġija) fid-Dipartiment tal-*Customer Services*, Minsteru għal Għawdex.

2. Il-post ta' *Senior Registrar* (Radjoloġija) għandu salarju ta' Lm7,521 fis-sena li jiżdied b'Lm275 fis-sena sa massimu ta' Lm9,171 (Skala ta' Salarju Numru 5).

3.1. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, kif ukoll regolamenti li jkunu fis-seħħ fid-Dipartiment tal-*Customer Services*. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li taħdem skond *roster* stabbilit li jinkludi *night duty*. Sigħat ta' xogħol 'il fuq minn erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa u xogħol fil-Ħdud u btajjel pubbliċi jitħallsu b'remunerazzjoni addizzjonali skond ir-rati approvati.

3.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għal xi benefiċċji oħra u tkun suġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li jkunu mniżżlin fi kwalunkwe ftehim relevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata tiħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:

(a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

(b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Senior Registrar (Radiology) in the Department of Customer Services (Gozo General Hospital) within the Ministry for Gozo

The Public Service Commission invites applications from duly qualified Medical Practitioners for the post of Senior Registrar (Radiology) in the Department of Customer Services, Ministry for Gozo.

2. The post of Senior Registrar (Radiology) carries a salary of Lm7,521 per annum rising by annual increments of Lm275 up to a maximum of Lm9,171 (Salary Scale 5).

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to any rules governing from time to time the Malta Public Service and the Department of Customer Services in particular. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2. The appointee will be required to work in accordance with an established roster which will include night duty. Additional remuneration will be paid at the approved rates for hours worked in excess of forty (40) per week and for work performed on Sundays and Public Holidays.

3.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:

(a) it is carried out strictly outside his/her official hours of work; and

(b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5.1. Il-persuna nominata tkun taħdem fis-Sezzjoni tar-Radjoloġija u taqa' taħt id-direzzjoni tad-Direttur tal-*Customer Services* u tad-Direttur tar-Radjoloġija. Hi tista' tkun meħtieġa li tmur fi sptarijiet oħra u Ċentri tas-Saħħa biex tara l-mod kif isir l-*imaging*. Il-persuna nominata tkun mistennija li tattendi regolarment għal-laqgħat kliniko-radjoloġiċi u tieħu sehem fil-proċess ta' *quality assurance* u verifika li qed jiġi introdott fis-servizz radjoloġiku.

5.2. Il-persuna nominata tista' tkun meħtieġa li tagħmel regolarment sessjonijiet speċjalizzati fiċ-Ċentri tas-Saħħa skond programmi approvati dwar kura fil-komunità u tista' tkun meħtieġa li tagħti servizz f'xi estensjoni futura oħra ta' servizz tas-saħħa kif provdut taħt Skema Nazzjonali Komprensiva tas-Saħħa.

5.3. Il-persuna nominata tkun mistennija li żżomm ruħha aġġornata ma' l-iżviluppi kurrenti fil-qasam tar-radjoloġija u tieħu sehem fil-laqgħat ta' wara l-gradwazzjoni kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta. Hija tkun meħtieġa li tinvolvi ruħha fl-edukazzjoni kontinwa ta' kollegi kliniċi fil-livelli kollha rigward l-użu xieraq tal-faċilitajiet ta' *imaging*.

5.4. Il-persuna nominata tkun mistennija li minbarra li tkun kompetenti fir-Radjoloġija Ġenerali, ikollha esperjenza kif tuża *ultrasound* u *Doppler techniques*. Aktar tagħrif ta' metodi ta' *topographical imaging* bħal CT u MRI ikun validu. Hija teħtieġ ikollha wkoll interess f'*interventional radiology* u *nuclear medicine techniques*. Barra minn dan hi jkollha tieħu parti fir-rapportar ġenerali ta' eżamijiet radjoloġiċi. Minbarra x-xogħol radjoloġiku, il-persuna nominata tkun mistennija li tagħti servizz konsultattiv lill-kollegi kliniċi tagħha. Dan ħafna drabi jsir qabel jew wara sessjonijiet ta' attività klinika mal-pazjent direttament.

5.5. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li tinvolvi ruħha fis-superviżjoni ta' *staff* radjoloġiku u radjografiku fir-*rank* anqas minnha, kif ukoll ta' impjegati lokali jew barranin li jkunu qed jaħdmu fid-Dipartiment tagħha u turi interess fl-edukazzjoni tagħhom.

5.6. Il-persuna nominata jkollha responsabbiltà kontinwa għall-kura tal-pazjenti taħt il-kura tagħha u li tara li d-Dipartiment miexi kif għandu jkun. Hi tagħmel xogħol amministrattiv, kif tkun imqabbda mid-Direttur tal-*Customer Services*, li jkollu x'jaqsam mal-kura tal-pazjenti tagħha u mat-tmexxija tat-Taqsima tar-Radjoloġija.

5.7. Il-persuna nominata tkun mistennija li, sakemm hu prattikabbli, tkopri lill-Konsulenti Radjoloġiċi meta jkunu bil-*vacation* u *study leave* kif ikun meħtieġ.

5.8. Il-persuna nominata tieħu sehem fit-tagħlim u taħriġ ta' studenti ta' qabel u wara l-gradwazzjoni kif tkun mitluba mid-Direttur tad-Dipartiment tal-*Customer Services* flimkien mad-Direttur tad-Dipartiment tar-Radjoloġjia.

5.1. The Senior Registrar (Radiology) will work within the Radiology Section and will be accountable to the Director Customer Services and the Director of Radiology. He/She will be offered access to all the imaging modalities that may involve attendance at the other hospitals and Health Centres in the service. He/She will be expected to attend regularly at clinico-radiological meetings and partake in the process of quality assurance and audit that is being instituted within the radiological service.

5.2. The appointee may be required to hold regular specialised clinics in the Health Centres in accordance with approved community care programmes, and may also be required to provide service in any future extension of health services as provided under a Comprehensive National Health Scheme.

5.3. The appointee will be expected to keep abreast with the current developments in the field of radiology and participate in postgraduate meetings locally and abroad. He/She will be required to involve himself/herself in the ongoing education of clinical colleagues at all levels with regards to the appropriate use of the imaging facilities.

5.4. Apart from competence in General Radiology, the appointee will be expected to have experience using ultrasound and Doppler techniques. Some further knowledge of topographical imaging modalities like CT and MRI would be of value. He/She should also have interests in interventional radiology and nuclear medicine techniques. Moreover, he/she will participate in the general reporting of radiological examinations. Besides the radiological workload, the appointee will be expected to provide a consultative service to his/her clinical colleagues. This will often be carried out before or after sessions of direct patient clinical activity.

5.5. The appointee will be required to get involved in the supervision of junior radiological and radiographic staff, together with any local or foreign visiting personnel, and demonstrate an interest in their education.

5.6. The appointee will have a continuing responsibility for the care of patients under his/her care and for the proper functioning of his/her department. He/She will also undertake administrative duties, as delegated by the Director Customer Services, that will be associated with the care of his/her patients and the running of the Radiology Section.

5.7. The appointee will be expected to provide cover for the vacation and study leave of the other Consultant Radiologists as may be reasonably required.

5.8. The appointee will participate in under-graduate and post-graduate teaching and training as detailed by the Director Customer Services, in conjunction with the Director of the Department of Radiology.

5.9. Il-persuna nominata jkun jinħtiġilha li toqgħod Għawdex.

5.10. Il-persuna nominata tirċievi *allowance* kull xahar li tammonta għal Lm300 fis-sena għall-vjaġġ bejn iż-żewġ gżejjer u kumpens għall-kiri ta' akkomodazzjoni f'Għawdex ta' mhux aktar minn Lm100 fix-xahar wara li tippreżenta r-ċevuti u tipprovdi evidenza sodisfaċenti ta' residenza permanenti f'Malta.

6. L-applikanti għandhom ikunu:-

(a) (i) ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-UE);

JEW

(iv) il-konjugi ta', u tfal taħt il-21 sena ta' jew li jiddependu fuq, dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq u li huma residenti f'Malta.

L-eliġibbiltà tal-kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għall-kundizzjoni li jiksbu *work permit*.

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

(c) ikollhom liċenza biex jipprattikaw il-Professjoni Medika f'Malta;

(d) ikollhom kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni fir-Radjoloġija (F.R.C.R. jew kwalifika adatta komparabbli);

(e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); dawk li japplikaw minn barra s-servizz għandhom jippreżentaw Ċertifikat riċenti tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra, mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern ta' Malta u jagħtu dettalji).

5.9. The appointee will be required to reside in Gozo.

5.10. The appointee will be paid a monthly allowance of Lm300 per annum for traveling between the islands and a refund of the rent for accommodation in Gozo up to a maximum of Lm100 per month on the presentation of receipts and upon provision of satisfactory evidence of permanent residence in Malta.

6. Applicants must:-

(a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse of, and children under 21 years of age of or who depend on, any person who is mentioned at (i), (ii) and (iii) above and who resides in Malta.

The eligibility of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above is subject to their obtaining a work permit.

(b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

(c) be in possession of a Licence to practise the Medical Profession in Malta;

(d) be in possession of a higher postgraduate qualification in Radiology (F.R.C.R. or an approved appropriate comparable qualification);

(e) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); those applying from outside the service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service giving details).

7.1. Applikazzjonijiet jiġu kkunsidrati wkoll mingħand *medical practitioners* li m'għandhomx il-kwalifika msemmija fil-paragrafu 6 (d) hawn fuq kemm il-darba jissodisfaw il-kundizzjonijiet l-oħra msemmija f'paragrafi 6 (a), 6 (b), 6 (ċ) u 6 (e).

7.2. L-applikanti taħt dan il-paragrafu jiġu kkunsidrati biss għall-post jekk ma jinstabux applikanti biżżejjed li jikkwalifikaw taħt is-sub-paragrafu 6 (d).

7.3. Il-persuna magħżula taħt dan il-paragrafu jkollha tmur barra minn Malta kif u meta jkun meħtieġ biex issegwi kors ta' taħriġ li jwassal għal FRCR u ssir eliġibbli biss għall-ħatra ta' *Senior Registrar* (Radjoloġija) wara li tkun temmet b'suċċess il-kors ta' l-istudju tagħha u wara r-ritorn tagħha lejn Malta.

7.4. Il-persuna magħżula biex tagħmel il-kors ta' taħriġ tkun marbuta bir-regoli kif kontemplat fil-*Public Service Management Code*.

8.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minnaħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

8.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma misthoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment tal-*Customer Services* u tkun ikkupjata lill-KNPD.

9. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni; dokumenti oriġinali jridu jintwerew waqt l-intervista).

10.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

10.2. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tar-riżultat.

11. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li hija adattat għal dan il-post.

7.1. Applications will also be considered from medical practitioners who are not in possession of the qualification mentioned in paragraph 6 (d) above but who satisfy the other conditions mentioned in paragraphs 6 (a), 6 (b), 6 (c) and 6 (e).

7.2. Applicants under this paragraph will only be considered for the post if there are not enough suitable applicants who qualify under paragraph 6 (d).

7.3. The applicant selected under this paragraph will have to proceed abroad as and when required to follow a course of training leading to the FRCR or an approved appropriate comparable qualification and will only become eligible for appointment as Senior Registrar (Radiology) on the successful completion of his/her studies and on his/her return to Malta.

7.4. The applicant proceeding abroad to follow courses will be bound by the relevant conditions laid down in the Public Service Management Code.

8.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this postċposition provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

8.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Department of Customer Services and copied to the NCPD.

9. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications; originals to be produced for verification at the interview).

10.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

10.2. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of the result.

11. The selected applicant will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the post.

12. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mid-Dipartiment tal-*Customer Services*, Ministeru għal Għawdex, Pjazza San Franġisk, ir-Rabat, Għawdex.

13. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *Curriculum Vitae* u l-ismijiet ta' żewġ *referees,* jintlaqgħu primarjament mid-Direttur tal-*Customer Services*, Ministeru għal Għawdex, Pjazza San Franġisk, ir-Rabat, Għawdex, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Settembru 2005.

